MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Numru. 163/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**BEZARD MAXIME AIME JOSE**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Bezard Maxime Aime Jose ta' 25 sena, iben Jean-marc u Regine nee` Fabro, imwieled Belfort gewwa Franza, nhar it-18 ta' Awwissu 1988 u residenti 48,**

**Heliopolis, Triq Pace, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` Franciza bin-numru 080490100182,** gie akkuzat talli:

1. Fit-22 ta' Mejju 2014 u fil-granet u xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer ipproduca, biegh jew xort'ohra trraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta` l-Art. 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta` l-Art. 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti, temi lkoll argumentati mill-prosekuzzjoni u d-difiza, u cioe` :

1. L-ammissjoni ta` l-imputat, li hi wahda bikrija. Sahansitra huwa ammetta fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija waqt l-investigazzjoni;
2. Il-fedina penali netta ta` l-imputat;
3. L-ammont ta` cannabis grass kien ta` circa u mhux aktar minn tlett grammi li minnhom potenzjalment johorgu circa 12-il sigarett;
4. Dan l-ammont, ghalkemm mhux zghir, huwa indikattiv bhala wiehed ghall-uzu personali u wkoll pero` li jista jigi ‘shared’ mal-hbieb;
5. Li l-imputat qed jaghmel sforzi kbar biex jahdem fil-qasam tal-‘gaming’;
6. Li t-tieni imputazzjoni ghandha titqies bhala mezz ghall-fini ta` l-ewwel imputazzjoni;
7. Id-dikjarazzjoni ta` l-ufficjal prosekutur kif ivverbalizzata fl-udjenza ta` llum stess illi minn dak li rrizultalu fl-investigazzjonijiet li ghamel, dan hu kaz klassiku ta` ‘sharing’ u konsegwentement ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-‘proviso’ ta` l-Artikolu 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta` Malta;
8. Dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum miz-zewg partijiet illi l-aktar sanzjoni indikata f’dan il-kaz hi dik ikkontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinfliggi. Fil-fehema ta` din il-Qorti, il-piena tal-prigunerija f'dan il-kaz ma hijiex is-sanzjoni idoneja.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, u l-Artikoli 8(e)(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Bezard Maxime Aime Jose** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum.

Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita (Dokument JS5).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------